MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-3 ta' April, 2007

Talba Numru. 981/2006

**Paul & Rocco (Marsa) Ltd (C2662)**

**Vs**

**Stephen Garzia I.D. 366478M**
**u Graziella Garzia I.D. 136584M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Ottubru 2006, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u hames Liri Maltin (Lm1105.00), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2007 meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u hames Liri Maltin (Lm1105.00), bl-ispejjez kollha u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------